MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 775/2010

**Imnara Limited (Numru ta' registrazzjoni C26300)**

***kontra***

**L-Awtorita` Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar ;**

***u***

**Segretarju Permanenti in rapprezentanza tal-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali, u b`nota prezentata fit-13 ta` Frar 2014 is-Segretarju Permanenti in rapprezentanza tal-Ministeru ghall-Izvilupp Sostenibbli,**

**l-Ambjent u Tibdil fil-Klima assuma l-atti tal-kawza minflok is-Segretarju Permanenti in rapprezentanza tal-Ministeru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali ;**

***u***

**Wasteserv Malta Limited (Numru ta` Registrazzjoni C30560)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-30 ta` Lulju 2010 li jaqra hekk :–

*1. Illi s-socjeta` esponenti hija mportatrici ta` prodotti ghall-uzu u konsum fis-settur tal-ikel u hija wkoll entita` li tqieghed fis-suq Malti ppakkjar jew materjal tal-ippakkjar ;*

*2. Illi s-socjeta` esponenti in ottemperanza ma` dak provdut fir-Regolamenti tal-2006 dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniggar tal-Iskart (Avviz Legali 277 ta` l-2006) senjatament ir-Regolament 21 tal-imsemmi Avviz Legali rregistrat mal-Awtorita` protestata bhala produttur skont it-termini tal-istess imsemmi Avviz Legali ;*

*3. Illi skont l-imsemmi Avviz Legali u senjatament Regolament 13 tal-istess Avviz Legali, il-produttur jew terzi li jagixxu ghan-nom tieghu, f`dak li jirrigwarda l-iskart tal-ippakkjar li jirrizulta mill-attivitajiet tieghu ghandu juza sistemi ezistenti jew jistabilixxi sistemi ndividwalment jew kollettivament jew it-tnejn li huma, skont kwalunkwe ligijiet u regolamenti ezistenti, biex jipprovdu (i) ghar-ritorn u gbir tal-ippakkjar uzat u, jew skart tal-ippakkjar minghand il-konsumatur jew haddiehor li juzah b`mod finali jew min-nixxiegha tal-iskart sabiex jitqieghed fl-alternattivi tal-immaniggar tal-iskart xierqa ; u (ii) ghall-uzu mill-gdid jew irkupru nkluz riciklagg tal-ippakkjar u, jew skart tal-ippakkjar migbur ; u (iii) ghall-uzu ta` materjal migjuba mill-iskart tal-ippakkjar riciklat ghall-manifattura tal-ippakkjar jew prodotti ohra ;*

*4. Illi s-socjeta` esponenti in ottemperanza ma` dak provdut f`Regolament 13 tal-imsemmi Avviz Legali tuza sistemi ezistenti ta` mmaniggar tal-iskart sabiex tirritorna l-iskart tal-ippakkjar li jkollha kawza tal-attivita` taghha u ilha taghmel dan sa minn meta u addirittura anke qabel ma dahlu fis-sehh ir-Regolamenti appoziti. Infatti s-socjeta` esponenti tirritorna l-iskart generat mill-attivita` taghha fis-sit ghall-gbir u riciklagg ta` skart f`Sant`Antnin, Marsascala mhaddem mis-socjeta` Wasteserv Malta Limited, socjeta` proprjeta` tal-Malta Government Investments Limited ossija finalment u b`mod beneficcjarju tal-Gvern ta` Malta ;*

*5. Illi kull meta s-socjeta` esponenti thalli skart generat mill-attivita` taghha fl-imsemmi sit f`Sant`Antnin, Marsascala, hija tinghata ricevuta tal-iskart ritornat u dawn l-ircevuti jinsabu kollha fil-pussess tas-socjeta` esponenti ;*

*6. Illi l-Avviz Legali fuq imsemmi jesigi li ssir u tigi sottomessa dikjarazzjoni dwar l-ippakkjar fuq bazi ta` kull kwart ta` sena u annwali li tkun tinkludi l-informazzjoni kollha stipulata u deskritta fir-Regolament 15 tal-imsemmi Avviz Legali u fost din l-informazzjoni hija mehtiega dikjarazzjoni*

*ffirmata minn intrapriza tal-immaniggar tal-iskart awtorizzata li tikkonferma li l-iskart ritornat lilha gie riciklat ;*

*7. Illi s-sit ghall-gbir u riciklagg ta` skart ta` Sant`Antnin f`Marsascala li huwa sit operat u mhaddem mis-socjeta` Wasteserv Malta Limited, socjeta` proprjeta` tal-Malta Government Investments Limited ossija finalment u b`mod beneficjarju proprjeta` tal-Gvern ta` Malta u li bbenefikat minn fondi tal-Unjoni Ewropea, huwa certament sit awtorizzat, kif il-Wasteserv Malta Limited operatrici tal-imsemmi sit hija wkoll awtorizzata sabiex topera sit ghall-gbir u riciklagg ta` skarat ;*

*8. Illi izda s-socjeta` esponenti mhijiex qieghda tinghata dikjarazzjoni ffirmata mill-Wasteserv Malta Limited bhala ntrapriza tal-immaniggar tal-iskart awtorizzata li l-iskart migbur minnha gie riciklat u dan qieghed johloq pregudizzju lis-socjeta` esponenti li kawza ta` dan in-nuqqas ma tistax tipproduci d-dikjarazzjoni mehtiega skont l-imsemmi Regolament 15(11) tal-imsemmi Avviz Legali bil-konsegwenza li l-komminazzjonijiet tal-imsemmi Regolament 15 ma jistghux jigu kollha sodisfatti ;*

*9. Illi konsegwenza ta` dan l-agir da parti tas-socjeta` intimata Wasteserv Malta Limited, is-socjeta` esponenti pprezentat Protest Gudizzjarju fil-15 ta` Gunju 2009, liema Protest Gudizzjarju ma gie qatt imwiegeb mill-intimati. Inoltre l-istess socjeta` intimata Wasteserv Malta Limited bhala ntrapriza awtorizzata ghall-immaniggar tal-iskart baqghet tonqos milli tikkonferma permezz ta` dikjarazzjoni miktuba u fornuta lis-socjeta` esponenti gie riciklat u dan bi pregudizzju u hsara ghad-drittijiet tas-socjeta` esponenti. Ghalhekk huwa mehtieg u ssir din il-kawza ;*

*Ghalhekk l-esponenti socjeta` rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi joghgobha :-*

*(1) tikkundanna lis-socjeta` intimata Wasteserv Malta Limited bhala operatrici tas-sit ghall-gbir u riciklagg ta` skarat ta` Sant`Antnin, Marsascala tohrog u tikkonsenja lis-socjeta` esponenti d-dikjarazzjoni prevista u mehtiega skont l-imsemmi Regolament 15(11) tal-imsemmi Avviz Legali 277 tal-2006 bhala konferma u prova li l-iskart generat u kkonsenjat mill-imsemmija socjeta` esponenti protestanti huwa ghall-uzu mill-gdid u riciklagg u dan rpevia dikjarazzjoni li l-istess socjeta` Wasteserv Malta Limited qieghda tonqos mill-obbligi taghha li tohrog l-imsemmija dikjarazzjoni ;*

*(2) tordna lill-intimati l-Awtorita` Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar u l-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali sabiex jaghtu dawk l-ordnijiet lis-socjeta` intimata Wasteserv Malta Limited b`mod li din tohrog u tikkonsenja lis-socjeta` esponenti d-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu precedenti u li fin-nuqqas li s-socjeta` intimata Wasteserv Malta Limited taghmel dan, l-istess fuq imsemmija intimati l-Awtorita` Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar u l-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali jiehdu u jimplimentaw dawk il-mizuri kollha permessi sabiex l-ordnijiet fuq imsemmija jigu segwiti, aderiti u obduti ;*

*B`rizerva ghal kull azzjoni ta` danni spettanti lis-socjeta` esponenti fil-konfront tal-intimati jew min minnhom u bl-ispejjez tal-imsemmi Protest Gudizzjarju tal-15 ta` Gunju 2009, kontra l-intimati jew min minnhom, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici.

Rat ir-risposta guramentata kongunta tal-konvenuti **hlief** ghall-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li kienet prezentata fid-9 ta` Settembru 2010 u taqra hekk :–

*Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ;*

*Illi effettivament il-pozizzjoni attwali hija tali li r-rikorrenti Imnara Limited (C26300) ghadha sal-lum m`ottemperatx ruhha mal-ligi u in vista ta' hekk ma tistax tinghata d-dikjarazzjoni skont Regolament 15(11) tal-Avviz Legali 277 tal-2006, kif qed tippretendi l-istess socjeta` rikorrenti.*

*Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jaghmlu riferenza ghas-suespost kif ukoll ghal kull prova jew sottomissjoni ulterjuri li tista` tingieb quddiem din l-Onorabbli Qorti fi stadju ulterjuri tat-trattazzjoni ta` dan ir-rikors, umilment jitolbu lill-istess Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

Rat ir-risposta guramentata li l-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ipprezentata fit-13 ta` Settembru 2010 li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament jigi eccepit illi dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex il-kompetenza fuq il-materja odjerna stante illi f`din l-azzjoni, is-*

*socjeta` rikorrenti qeghda titlob li tigi ndata diskrezzjoni amministrattiva, u stante illi hawn si tratta ta` diskrezzjoni amministrattiva, il-Qrati ordinarji ma jistghux jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghhom ghal dik tal-entita` kompetenti ;*

*2. Illi subordinatament ghas-suespost, preliminarjament ukoll jigi eccepit illi l-azzjoni attrici fil-konfront tal-Awtorita` intimata hija perenta u dan a tenur tal-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*3. Illi preliminarjament tigi eccepita n-nullita` ta` din l-azzjoni stante li ma taqax taht l-ebda wiehed mill-aggravji tal-Art. 469A tal-Kap. 12 ;*

*4. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti, in kwantu diretti kontra l-Awtorita` esponenti, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, stante li dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma` din il-kawza u dan a tenur tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u ghalhekk ghandha tiddeklina li tiehu konjizzjoni taghha ;*

*5. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma ugwalment infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, stante li l-Awtorita` esponenti m`ghandha l-ebda dritt jew seta` li tordna lil xi entita` ohra, bhal ma hija s-socjeta` Wasteserv Malta Limited li tipprovdi xi informazzjoni lis-socjeta` rikorrenti ;*

*6. Illi wkoll fil-mertu l-Awtorita` esponenti qdiet l-obbligi taghha skont il-parametri legali u in piena ottemperanza mal-istess, u dan ukoll fil-kuntest illi s-socjeta` rikorrenti, filwaqt li hija registrata bhala produttur, bl-ebda mod ma hija registrata, mal-Awtorita` esponenti, bhala skema ta` rkupru ;*

*7. Illi ghaldaqstant, u in vista tal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-digriet li tat fis-seduta tat-2 ta` Novembru 2010 fejn hatret lill-Av. Dr. Mariella Schembri Gonzi bhala Assistent Gudizzjarju sabiex tigbor il-provi tal-partijiet.

Rat l-atti tal-procediment hekk kif kien kondott mill-Assistent Gudizzjarju, inkluz il-provi.

Rat id-digriet li tat fis-seduta tal-5 ta` Frar 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm imfissra, irrevokat l-inkariku ta` l-Assistant Gudizzjarju.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta` Frar 2013 fejn iddikjarat illi hija kienet sejra tkompli tigbor il-provi hi.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Dr Christopher Ciantar.

Semghet ix-xiehda ta` Kevin Mercieca fl-udjenza tal-14 ta` Mejju 2013, u rat id-dokumenti li pprezenta x-xhud.

Semghet ix-xiehda ta` Henriette Putzulu Caruana fl-udjenza tas-17 ta` Settembru 2013.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-Ing Dr. Chris Ciantar u ta` Kevin Mercieca fl-udjenza tat-30 ta` Jannar 2014.

Rat in-nota b`dokument li pprezentat is-socjeta` attrici fit-30 ta` Jannar 2014.

Rat in-nota li pprezenta s-Segretarju Permanenti konvenut fit-13 ta` Frar 2014.

Semghet il-kontroezami ta` Carmel Micallef fl-udjenza tat-3 ta` April 2014.

Rat in-noti ta` sottomissjonijiet li kienu skambjati bejn il-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li ghamlu l-partijiet permezz tad-difensuri taghhom fis-seduta tal-20 ta` Jannar 2015.

Rat id-digriet li tat fl-istess seduta fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Sintesi tal-provi

**Carmel Micallef** - direttur tas-socjeta` attrici – xehed illi s-socjeta` attrici kienet irceviet ittra bid-data tat-12 ta` Settembru 2007 minghand il-MEPA fejn, wara li din ghamlet riferenza ghall-A.L. 277 tal-2006 u ghall-A.L. 63 tal-2007, avzatha bl-obbligazzjoni taghha bhala *produttur* sabiex tirregistra mal-MEPA. Fit-28 ta` Settembru 2007, is-socjeta` attrici rregistrat. Ir-registrazzjoni kienet ikkonfermata bil-miktub mill-MEPA. Ghamel kuntatt mal-MEPA sabiex jikseb informazzjoni dwar dak li kellu jaghmel sabiex jaghmel riciklagg. Ghamel ukoll kuntatt ma` Greenpack. Skond it-taghrif li ottjena, kien importanti li jghidilhom il-figuri ; imbaghad huma jimxu fuqhom. Inghata l-impressjoni li ma kellux ikun hemm verifika da parti taghhom. Qalulu : *ahna nnizlu kemm tghidilna.* Billi dehrlu li ma kienx qed jinghata struzzjonijiet tajbin, irrikorra ghand Kevin Mercieca tal-MEPA li minghandu kienet waslet l-ewwel ittra, izda ghalkemm ipprova ghadd ta` drabi biex jaghmel kuntatt mieghu, qatt ma rnexxielu jkellmu. Meta sa fl-ahhar irnexxielu, dan qallu illi l-MEPA ma kenitx sejra tghidlu kif jirricikla, izda jekk il-MEPA jidhrilha li ma kienx qed ssir r-riciklagg, allura setghet tiehdu quddiem il-qorti fejn il-piena kienet ta` Lm 500 jew sentejn habs.

Skond ix-xhud, dan il-kliem inkwetah tant li mar ikellem lir-rapprezentant tal-UE gewwa Malta. Hemm qalulu li qabel jirrikorri ghandhom

kellu jsib soluzzjoni ghall-kwistjoni mal-Gvern Malti. Jekk ma jirnexxielux kellu jirrikorri ghandhom. Ghalhekk mar il-Ministeru tar-Rizorsi u Ambjent u ltaqa` mal-Assistent Direttur fil-Ministeru. Din qaltlu li kienet sejra tghin. Fil-fatt sar appuntament mad-Direttur ghall-Protezzjoni tal-Ambjent fit-3 ta` Ottobru 2007. Fil-laqgha, wara li huwa qalilhom illi kien qieghed jiehu l-iskart fis-sit tal-Wasteserv li qieghed l-Mriehel, huma qalulu li b`hekk kien qed jissodisfa l-obbligi kollha rikjesti mil-ligi. Huwa rrimarka li f`dak is-sit ma kienx hemm mizien biex ikejjel il-piz tal-iskart. Ghalkemm kien infurmat li kienu sejrin jittiehdu passi sabiex isir dan l-mizien, meta rega` mar fis-sit fit-30 ta` Ottobru 2007, il-mizien ma kienx ghadu hemm, u ghalhekk ghamel stima ta` l-iskart li kien qed jiehu.

Kompla jixhed illi meta mar s-sit tal-Mriehel, qalulu biex jirregistra x`imkien Santa Venera biex imbaghad jibdew jiehdu l-iskart jew il-WasteServ il-Marsa jew Sant`Antnin Waste Treatment Plant ; f`dawn iz-zewg siti kien hemm mizien.

Spjega illi fit-18 ta` Dicembru 2007, hareg avviz legali. Skond il-klawsola 4, min kien qed ihallas eko-kontribuzzjoni, seta` jitlob ghal rifuzjoni ; ghalhekk applikaw ghar-rifuzjoni. Meta saret din l-applikazzjoni, kienu nfurmati li kellhom jipproducu certifikat ta` riciklagg tal-iskart tal-imballagg. Meta ghamel kuntatt ma` persuna li kienet prezenti ghal-laqgha ta` Ottubru 2007, kien hemm rifjut li jinghata c-certifikat ghaliex il-Wasteserv kienet lahqet rehmiet l-iskart tal-imballagg migbur ghar-riciklagg.

Sostna li huma kitbu lil Wasteserv fl-4 ta` Frar 2008. Ir-risposta ta` Wasteserv kienet illi ma kienx irrizulta li Wasteserv kienet qed tiddisponi minn skart separat fil-landfill.

Ic-certifikat baqa` ma harigx. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Fil-**kontroezami**, Micallef jixhed illi meta rregistraw, huma kienu mitluba jaghmlu biss hekk. Stqarr li l-kumpannija kienet ghadha registrata bhala produttur indipendenti, jigifieri hija *self-compliant*. Ikkkonferma illi bil-fatt illi kien jiehu l-iskart il-Wasteserv, kien intitolat ghal rifuzjoni tal-eko kontribuzzjoni.

Fir-**riezami**, Micallef stqarr illi meta ha l-iskart l-impjant ta` Sant` Antnin qatt ma ntalab hlas. Fl-2013 ircieva statement li kien ikopri l-hames snin ta` qabel ; intalab ihallas somma. Wara li nghata l-invoices, hallas. Vincent Magri kien qallu li l-kont ma kienx inbaghat qabel ghaliex l-ammonti kienu zghar.

**Kevin Mercieca** xehed illi s-socjeta` attrici ilha registrata skond it-termini tal-A.L. 277 tal-2006. Mistoqsi jekk meta s-socjeta` attrici tiehu l-iskart taghha go sit tar-riciklagg bhalma huwa l-Wasteserv, tkunx qed tottempera ruhha ma` dan l-avviz legali, ix-xhud wiegeb illi mhux kompletament. Dak kien biss parti mill-obbligi taghha. Kien hemm lista shiha ta` obbligi. Wiehed minnhom huwa li tirregistra mal-MEPA. Is-socjeta` attrici ottemperat ruhha ma` dan l-obbligu. Obbligu iehor huwa li tigbor ammont ta` skart li qed tpoggi fis-suq u tirriciklah. Meta wiehed jiehu l-iskart ghand il-Wasteserv ma tkunx qed tirriciklah ghaliex il-Wasteserv mhijiex *an end recycling facility* ; hija biss l-ewwel stadju tar-riciklagg. Imbaghad il-persuna jista` jkollha arrangament mal-Wasteserv, li l-ammont ta` skart li hadilhom, jibaghtuh barra minn Malta ghar-riciklagg. Jekk persuna tiehu biss l-iskart ghand il-Wasteserv, li hija facilita pubblika, u jhallilhom l-iskart, il-materjal isir tal-Wasteserv u jistghu jaghmlu bih li jridu. Irid ikun hemm ftehim bejn il-produttur u l-Wasteserv li permezz tieghu l-produttur jaghtihom tunnellata ghar-riciklagg, u l-produttur ihallas ghal dak ir-riciklagg. Jekk persuna kemm tmur bl-iskart u dan jintizen, u l-Wasteserv taghti ricevuta tal-piz, dak ma jfissirx li jkun qed isir riciklagg f`isem il-produttur.

Stqarr illi fil-kaz tas-socjeta` attrici, dan huwa proprju dak li qed jigri. Tiehu l-iskart, jintizen u tinghata ricevuta. Pero` mhux qed jigi accertat li r-riciklagg qed isir. Il-ligi tobbliga li jsir l-irkupru, izda f`dan il-kaz ma sarx, ghaliex kull ma sar kien delivery tal-materjal fil-facilita.

Kompla jixhed illi Wasteserv mhijiex awtorizzata li tirricikla *end recovery*. Hija awtorizzata biss illi tibghat ghar-ricikagg. Mistoqsi jekk Malta kienx hemm facilitajiet li jaghmlu dak it-tip ta` xoghol, ix-xhud stqarr li hawn ftit ; il-bicca l-kbira tal-processi jsiru barra minn Malta. Mistoqsi jekk Malta hemmx hawn min jirricikla l-karta u l-kartun, huwa wiegeb li ma jaf b`hadd li ghandu l-permess. Skond ix-xhud, huwa rrilevanti jekk hawn Malta kienx hawn din il-facilita` jew le ghaliex kien hemm l-alternattiva tal-esportazzjoni. Go Malta kien hawn numru ta` brokers licenzjati sabiex jesportaw f`isem haddiehor. Hemm min huwa licenzjat sabiex jaccetta l-kartun, u jaghtik certifikat li rkuprah f`ismek, jigifieri li jkun baghtu barra minn Malta u irkuprah.

Qal illi l-ippakkeggjar huwa regolat bl-A.L. 277 tal-2006. Bis-sahha ta` dawn ir-regolamenti, kienet imwettqa Direttiva tal-UE. Tapplika ghal kull individwu li jikkwalifika taht d-definizzjoni tal-ligi ta` produttur. Japplika ghall-bicca l-kbira tal-importaturi go Malta. Is-socjeta` attrici hija wahda minnhom. Fost l-obbligi tal-produttur, hemm inkluz illi kull sena jrid jirregistra mal-MEPA bhala produttur, jiddikjarat- tunnellagg ta` materjal li jkun qieghed fis-suq, u l-ammont li jkun rkupra u rricikla minnu. Ghandu wkoll l-obbligu li jirkupra parti u jirricikla parti mill-materjal li jpoggi fis-suq jew hu direttament jew inkella jaqbad lill-terzi nkluzi skemi licenzjati go Malta mill-MEPA biex f`isem il-produttur jirkupraw l-iskart u jirriciklawh. Obbligu iehor huwa li jzomm records ghal tlett snin. Is-socjeta` attrici rregistrat ruhha bhala produttur fl-2007 u ghadha hekk registrata.

Fisser illi meta l-MEPA tibaghat *acknowledgement* tar-registrazzjoni, tibaghat ukoll l-avviz legali in kwistjoni sabiex tfakkar lill-produtturi bl-obbligi taghhom.

Qal illi fl-2008 dahlet l-Eco Contribution Act. Skond dan l-Att, l-awtorita` kompetenti huwa d-dipartiment tal-VAT. L-Att jipprovdi illi min jottempera ruhu u jirricikla jista` jinghata rifuzjoni jew anke ezenzjoni mill-hlas tal-eko kontribuzzjoni. Fl-2008 kien hemm korrispondenza dwar il-fatt li s-socjeta` attrici ma kenitx qeghda tottempera ruhha mal-obbligi taghha, u l-MEPA kienet irceviet korrispondenza minghand l-MRAE. Huwa wiegeb lid-Direttur tal-Ambjent billi nfurmaha li s-socjeta` attrici kienet tidher registrata mal-MEPA, izda l-MEPA ma kellhiex fil-pussess taghha dokumentazzjoni li s-socjeta` attrici kienet qeghda tirkupra parti mill-iskart kif kienet obbligata.

Stqarr illi l-produttur ghandu tlett alternattivi kif jista` jirkupra l-packaging tieghu. *Jista`* l-produttur direttament jew permezz ta` xi skema jew permezz ta` collection jigbor lura minghand l-konsumatur l-packaging li pogga fis-suq, u jibaghtu ghal final recovery, jigifieri jibaghtu sabiex jigi riciklat. X`aktarx dan jintbaghat barra minn Malta ghaliex l-facilitajiet ta` Malta huma limitati hafna, u ghalhekk il-bicca l-kbira tal-packaging jigi esportat ghal irkupru. *Jista`* l-produttur iqabbad lil xi hadd awtorizzat sabiex jaghmillu dan il-process ; Malta hawn numru ta` waste brokers, li huma licenzjati fil-waste management operations. *Jista`* ukoll il-produttur jinghaqad ma` collective compliance scheme, li hija regolata mill-istess A.L.277 ; din l-iskema tiehu hsieb l-obbligi kollha li ghandhom l-produtturi. Qal ix-xhud illi milli jaf hu s-socjeta` attrici ma ghazlet l-ebda wahda minn dawn l-alternattivi.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, ix-xhud kien mistoqsi ma` liema obbligi ma kenitx ottemperat ruhha s-socjeta` attrici. Iwiegeb billi jirreferi ghal Dok E li pprezenta u ghal ittra datata 4 ta` Awissu 2008, fejn jinghad illi – *"We do not currently have any documented evidence that Imnara Limited is also meeting the other obligations besides that of registering with MEPA."* Skond ix-xhud, l-uniku obbligu li ottemperat ruhha mieghu s-socjeta` attrici huwa li tkun registrata mal-MEPA. Kien mistoqsi jekk kienux kellmu lis-socjeta` attrici dwar dan. Iwiegeb illi f`dak l-istadju ma kienux qed jaraw ghaliex kellhom ikellmu lis-socjeta` attrici ; li ghamlu kien jsir illi jara kenitx compliant inkella le. Ikkonferma li kien hemm diversi telefonati mar-rapprezentant tas-socjeta` attrici li qalilhom li kien qed ikollu problema sabiex igib prova mill-Wasteserv li

kien ottempera ruhu mal-obbligi tieghu, jigifieri li dahhal il-materjal u li dan kien riciklat f`ismu. Muri l-ittra Dok 20 a fol 52, ix-xhud stqarr illi fil-file tieghu ma setax isib kopja ta` din l-ittra, u ghalkemm din setghet ghaddiet quddiemhu gialadarba hija ittra legali tkun tpoggiet fil-file tal-ittri legali u tghaddi ghand xi haddiehor. Jikkonferma li ra l-protest gudizzjarju li kien gie pprezentat mis-socjeta` attrici, u ma jafx jekk kienx hemm xi rispsota ghal dan l-protest.

**Vincent Magri** – Kap Ezekuttiv ta` Wasteserv – xehed illi Wasteserv toffri servizz ta` disposal u trattament tal-iskart, jigifieri l-kolletturi jiehdu l-iskart, imbaghad jew jigi processat jew imur go landfill, skond il-kwalita` tal-iskart. Mistoqsi x`ifisser ipprocessar, ix-xhud spjega illi l-iskart jitqieghed fil-landfill, jitghadda bil-compact, jitghatta u jinzamm ghal tletin sena. Jekk l-iskart ikun riciklabbli, allura jitghadda mill-impjant u n-nies taghhom jifirduh bl-idejn ; jekk il-prodott ikun tajjeb jigi esportat. Dwar il-kartun u materjal relatat mal-karta, l-ewwel jitnehhew l-contaminants u eventwalment jinhareg ghall-bejgh. Huma jibghatu l-kartun ghar-riciklagg ; jekk il-prezz ikun tajjeb, jinbiegh. Jekk il-prezz ma jkunx tajjeb, Wasteserv ikollha thallas biex haddiehor jiehdu minghandha. Sabiex ibieghu ghall-finijiet ta` riciklagg, issir sejha pubblika u jidhlu l-offerti. Bhala Wasteserv jipprocessaw sabiex jibaghtu l-iskart ghar-riciklagg, ghaliex huma ma jaghmlux riciklagg finali.

Kompla jixhed illi meta persuna tohdilhom xi materjal, huma jaghtu ricevuta tal-ammont ta` materjali li jkunu hadu u jitolbu hlas nominali ta` 50c kull tunnellata, jekk l-iskart ikun separat. Jekk il-kartun ikun imhallat, jigifieri jkun mcappas biz-zejt jew materjal iehor, il-prezz ikun ta` €20 kull tunnellata.

**Ing. Dr. Christopher Ciantar** - Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali – xehed Wasteserv taghmel parti mill-portafoll tal-Ministeru. Il-funzjoni taghha hija li timplimenta l-istrategija tal-Gvern fl-immanigjar tal-iskart. Il-MEPA hija r-regolatur. Wasteserv mhijiex l-unika entita` li tircievi l-iskart ghax hemm facilitajiet private. Hija fil-fatt *the operator of the last resort.* Wasteserv ma tohrogx ic-certifikat ; dak jispetta lill-MEPA.

Kompla jixhed illi skond l-A.L. 277 tal-2006, ir-responsabbilita hija fuq il-produtturi illi jiehdu l-mizuri necessarji biex jirkupraw u jirriciklaw percentwali tal-iskart tal-ippakkjar li huma qieghdu fis-suq. Produttur ghandu zewg alternattivi : jew jirkupra l-materjal u jiehdu go facilita` privata licenzjata mill-MEPA ; jew imur l-Wasteserv fejn tinhareg fattura ghall-ammont li jkun irkupra. Jekk il-produttur jaghzel lill-Wasteserv, ikun irid ihallas ghall-ipprocessar u esportazzjoni ta` l-materjal ghar-riciklagg. Meta l-iskart jittiehed ghand Wasteserv, ma jkunx qed jirricikla ; dik tkun biss l-ewwel fazi tal-process. Huwa d-dover tal-produttur illi jaccerta ruhu li l-iskart tieghu jigi riciklat ghaliex l-ligi timponi obbligu fuqu, mhux fuq Wasteserv. Huwa hemm li mbaghad jinghata c-certifikat ta` riciklagg. Ikkonferma li huwa ltaqa` ma` Carmel Micallef, direttur tas-socjeta` attrici, u fissirlu kif tahdem s-sistema u kif ghandu jottempera ruhu mal-ligi.

Fil-**kontroezami**, dwar kumpanniji li jaghmlu riciklagg gewwa Malta, l-Ing. Ciantar xehed illi jiddependi mill-materjal. Hemm kumpanniji li b`mod preliminari jghadduh minn process sabiex jigi riciklat barra minn Malta jew materjal li jigi esportat in bulk sabiex jigi riciklat. Mistoqsi jafx jekk is-socjeta` attrici qattx intalbet sabiex thallas, ix-xhud wiegeb li ma setax jeskludi li din qatt ma ntalbet thallas. Mistoqsi jikkonferma li s-socjeta` attrici bhala produttur ta` materjal ghandha d-dritt tuza s-servizzi ta` Wasteserv, ix-xhud wiegeb li mhux hekk huwa l-kaz ghaliex Wasteserv qeghda hemm ghall-pubbliku u mhux ghall-industrji. Fil-fatt industrja hija obbligata torganizza ruhha sabiex tirricikla bla ma tirrikorri ghand Wasteserv ; inkella tista` jew tinghaqad ma` skema. Min mill-industrija ried ikun *self-complaint* u juza s-servizzi ta` Wasteserv, kellu jaghmel arrangement specjali maghha, halli bil-fattura li tohrog tkun certifikat tar-riciklagg.

**Henriette Putzulu Caruana** - chief officer compliance and communications ta` Wasteserv xehdet illi s-socjeta` attrici hadet plastic u kartun fil-facilita taghhom ; inghatat ricevuta li wasal fil-gurnata partikolari u fil-post indikati fir-ricevuta. Is-socjeta` attrici hadet il-materjal u waqqfet hemm. Ma saret l-ebda rikjest ohra da parti taghha. Qalet li llum kien hemm compliance scheme ; Green Pack u Green MT huma kumpanniji li jiehdu hsieb r-riciklagg

tal-materjal ghal produtturi. Dawn jinfurmaw lil Wasteserv u jindikaw kemm ghandhom membri li qeghdin jirriciklaw f`isimhom. Ma jidhirx li s-socjeta` attrici ghamlet dan l-process. Meta mbaghad wiehed jiddeciedi li jkun *self-compliant*, irid jasal fi ftehim ma` Wasteserv dwar kemm se jgib materjal f`sena sabiex isir l-kalkolu tal-ipprocessar fil-facilita jew kemm se tiswa biex l-materjal jigi esportat. Lanqas dan ma sar mis-socjeta` attrici. Fil-**kontroezami**, ix-xhud qalet illi sa dak il-mument il-kontijiet dejjem hargu lill-iskemi ghaliex ma kienx hemm produtturi li ddecidew li jkunu *self-compliant*. Ghalhekk jekk produttur huwa *self-compliant*, minbarra l-*gate fee,* jaghmel hlasijiet addizzjonali.

## III. Sintesi tas-sottomissjonijiet bil-miktub

### a) Is-socjeta` attrici

Skond is-socjeta` attrici, jirrizulta ppruvat :-

1) Illi hija qaghdet mar-Reg 21 u kienet rregistrat mal-MEPA ;

2) Illi hija kienet tuza sistemi ezistenti ta` immanigjar tal-iskart sabiex tirritorna l-iskart tal-ippakkjar fis-sit ta` Sant` Antnin ;

3) Illi meta thalli l-iskart fil-facilita, tinghata ricevuta tal-iskart ritornat ;

4) Illi Wasteserv hija responsabbli ghall-organizazzjoni, immaniggjar u gestjoni tal-iskart u tmexxi siti fejn isir il-gbir, separazzjoni, rkupru, bejgh u/jew esportazzjoni ta` skart. L-impjant ta` Sant` Antnin huwa wiehed minnhom ;

5) Illi s-socjeta` attrici ma nghatax dikjarazzjoni ffirmata li hija kienet ikkonsenjat lil Wasteserv skart tal-ippakkegjar u li dan gie rkuprat ghall-finijiet ta` riciklagg ;

6) Illi minhabba dan l-agir ta` Wasteserv, hija pprezentat protest gudizzjarju kontra l-intimati.

Skond is-socjeta` attrici, Wasteserv qatt ma baghtet fatturi ghall-hlas ghaliex l-ammonti ta` materjal li kienet tikkonsenja s-socjeta` attrici kienu zghar hafna. Il-persuna li timporta tista` taghzel li jkollha sistema taghha ta` kif tirkupra l-iskart u mhijiex obbligata li tidhol fi skema.

Ghall-fini tal-kawza tal-lum, is-socjeta` attrici tirreferi ghar-Reg 13 sa 15 tal-A.L. 277 tal-2006.

Tghid illi jirrizulta stabbilit illi hija ghazlet li tmur ghal sistema individwali sabiex tipprovdi ghar-ritorn u/jew gbir ta` l-ippakkjar u/jew skart tal-ippakkjar u ghal irkupru, inkluz riciklagg tal-ippakkjar. Dan sar meta rritornat l-iskart fil-facilita. Irrizulta li l-facilita`, wara li tipprocessa l-iskart, tbiegh jew tghaddih ghar-riciklagg.

Ghalhekk skond is-socjeta` attrici, ir-Reg 13(1) kien rispettat.

Tghid illi l-informazzjoni li ghandha tinghata skond Reg 15 tista` tigi akkwizita biss mill-facilita`. Irrizulta li Wasteserv irrifjutat li tghaddi din l-informazzjoni minghajr gustifikazzjoni legittima.

Tkompli s-socjeta` attrici illi ladarba Wasteserv taccetta l-iskart, hija legalment obbligata li taghti l-informazzjoni rikjesta sabiex il-produttur jottempera ruhu mal-obbligi mposti mil-ligi. Il-pretest uzat li kien hemm nuqqas ta` hlas ma jaghmilx sens la fuq bazi fattwali u lanqas fuq bazi legali, in partikolari meta nghad illi ma ntalabx hlas ghaliex l-ammonti kkonsenjati mis-socjeta` attrici kienu zghar.

Tirrimarka li l-Awtorita` konvenuta pprezentat zewg risposti guramentati.

Dwar l-eccezzjonijiet preliminari li tat l-Awtorita, is-socjeta` attrici tghid illi l-azzjoni taghha ma kenitx promossa skond l-Art 469A tal-Kap 12.

**b) <u>L-Awtorita` konvenuta</u>**

Tirrileva illi l-isem taghha korrett huwa l-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Dwar l-osservazzjoni li kien hemm zewg risposti guramentati, l-Awtorita` tirrileva li r-risposta taghha hija dik li kienet prezentata fit-13 ta` Settembru 2010. Fir-risposta tad-9 ta` Settembru 2010, sar zball ortografiku meta l-Awtorita` giet inkluza fil-intestatura.

Is-socjeta` attrici tilmenta li *ma hijiex qieghda tinghata dikjarazzjoni ffirmata mill-Wasteserv Malta Limited bhala intrapiza ta` l-immanigjar ta` l-iskart awtorizzata li l-iskart migbur minnha gie riciklat.*

Fil-fehma tal-Awtorita`, din l-Qorti qeghda tintalab taghti decizjoni dwar id-diskrezzjoni li ezercitat Wasteserv, li taghmel parti mill-portafoll tal-Ministeru konvenut, u kwindi hija parti minn organu amministrattiv. Ghalhekk r-rimedju li qed titlob s-socjeta` attrici huwa li l-Qorti tiddeciedi minflok Wasteserv li ottemperat ruhha mal-obbligi mposti fuqha, u li ghalhekk ghandha tinghata certifikat ta` riciklagg. Is-socjeta` attrici qeghda titlob ukoll lill-Qorti sabiex tordna lill-Awtorita` ggieghel lil Wasteserv tohrog dan ic-certifikat, meta l-Awtorita` ma ghandha l-ebda dritt jew setgha li tordna lil entita ohra li taghmel dan.

Skond l-Awtorita`, il-Qorti ma tista` qatt tiddeciedi li ghandu jinhareg certifikat ta` riciklagg. Saret riferenza ghas-sentenzi : "**Euro Chemie Products Limited vs Malta Industrial Parks Limited et**" deciza fil-20 ta` Frar 2013 u "**Reginald Fava pro et noe vs Awtorita` Dwar il-Medicini et**" deciza fil-10 ta` Lulju 2012.

Tghid is-socjeta` attrici li ghalkemm is-socjeta` attrici ssostni li l-kawza tal-lum mhijiex impostata abbazi tal-Art 469A tal-Kap 12, lanqas ma tikkommetti ruhha dwar it-tip ta` azzjoni li ntavolat. Fir-realta` dak qed titlob is-socjeta` attrici huwa proprju illi Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni rizervata lill-Ezekuttiv bid-diskrezzjoni taghha u tiddeciedi dwar l-hrug tal-certifikat. Taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta` Jannar 1993 fil-kawza "**Mary Grech vs Ministru tax-Xogholijiet et**". Jekk is-socjeta` attrici tirritjeni illi l-azzjoni ma kenetx intavolata skond l-Art 469A, setghet tezercita l-azzjoni biss skond l-Art 32 tal-Kap 12, izda dan ma ddikjaratu qatt. Il-Qorti hija prekluza milli *tissostitwixxi, izzid jew sostanzjalment tissupplementa nuqqas*

*dwar l-oggett u r-raguni tat-talba fic-citazzjoni* (ara : "**Joseph Mallia Bonello vs Paul Camilleri et**" : Prim`Awla tal-Qorti Civili : fil-10 ta` Jannar 2012).

Tirrileva wkoll illi meta l-Qorti tigi mistiedna tinvestiga l-hidma jew id-decizjonijet ta` korpi gudizzjarji jew kwazi gudizzjarji, jew awtoritajiet pubblici, skond l-Art 32, dan jista` jsir biss jekk d-decizjoni attakkata tkun :- a) ultra vires, b) inghatat bi ksur ta` xi wiehed mill-principji ta` gustizzja naturali, u c) jekk id-diskrezzjoni ma tkunx gusta u onesta. Is-socjeta` attrici mhijiex tilmenta illi n-nuqqas ta` Wasteserv illi tohrog tali certifikat kien jammonta ghal wiehed minn dawn l-elementi. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tat-talbiet, lanqas ai termini tal-gurisdizzjoni generali konferita fuq il-Qorti skond l-Art 32. Dan kollu jfisser illi l-azzjoni kif promossa hija legalment insostenibbli.

Minghajr pregudizzju, l-Awtorita` tghid illi fil-mertu, l-azzjoni promossa mhijiex gustifikata. Ma kienx bizzejjed ghas-socjeta` attrici li biex tikkonforma ruhha mal-obbligi legali taghha tikkonsenja l-iskart tal-ippakkjar fil-facilita` ta` Sant` Antnin. Is-socjeta` attrici kienet korretta meta qalet illi Vincent Magri qal li ma kienx intalab hlas mis-socjeta` attrici ghaliex l-ammonti kkonsenjati kienu zghar, izda kienet skorretta meta ma semmietx ghal liema hlas kien qed jirreferi. Infatti x-xhud kien qed jirreferi ghal hlas tal-*gate fee*.

Skond l-Awtorita`, jirrizulta car li s-socjeta` attrici ma kenitx konformi mal-obbligi taghha. Mhijiex korretta s-socjeta` attrici ghandha kull dritt u setgha li tordna lil Wasteserv tohrog ic-certifikat ghaliex irrizulta li m`ghandhiex dik is-setgha.

**c) <u>Is-Segretarju Permanenti konvenut</u>**

Jissottometti illi Wasteserv mhijiex l-unika responsabbli ghall-organizazzjoni, immanigjar u gestjoni tal-iskart ghaliex fil-fatt hemm ghazla. Bl-A.L. 277 tal-2006, il-produtturi ghandhom r-responsabbilita li jiehdu l-mizuri mehtiega biex jirkupraw u jirriciklaw percentawli tal-iskart tal-ippakkjar li jqieghdu fis-suq. Kull produttur ihallas ghal sistema li jorganizza wahdu jew ma entitajiet ohra sabiex jirkupra u jirricikla l-iskart. Il-produttur ghandu ghazla li jirkupra l-materjal u jiehdu ghand facilita privata licenzjata jew jiehdu ghand Wasteserv. Meta jaghzel il-facilita tal-Wasteserv, irid ihallas ghall-ipprocessar u esportazzjoni tal-marejal ghar-riciklagg. Jekk l-iskart jittiehed ghand Wasteserv, b`dak biss ma jkunx qed isir riciklagg.

Skond dan il-konvenut, is-socjeta` attrici kienet obbligata li hallas sabiex l-iskart jigi riciklat. It-tariffa li tithallas ghad-depozitu tal-iskart, u cioe l-*gate fee*, tkopri biss id-depozitu tal-materjal fil-facilita`. Ghalhekk ir-ricevuta li tinhareg hija biss konferma li l-iskart gie depozitat. Huwa dover tal-produttur li jaccerta ruhu li l-iskart qed jigi riciklat. Huwa biss hemm u f`dak il-kuntest li jinghata certifikat ta` riciklagg, u cioe meta wiehed ikun hallas ghal riciklagg.

Mill-banda l-ohra, il-ligi dwar eko-kontribuzzjoni hija cara. Tinghata rifuzjoni lil dawk il-produtturi li jkunu ppartecipaw fl-irkupru tal-iskart. Irrizulta li s-socjeta` attrici waqfet fil-process tal-bidu u ma kenitx konformi mal-obbligi taghha kollha.

**d) <u>Il-konvenuta Wasteserv</u>**

Tghid illi mhijiex tonqos mill-obbligi taghha. Fil-kaz tal-lum ma jikkonkorrux l-elementi necessarji sabiex tista` tohrog id-dikjarazzjoni li qeghda titlob is-socjeta` attrici primarjament ghaliex is-socjeta` attrici ma ssodisfatx r-rekwiziti tal-ligi.

Tirrileva illi l-mizata li hallset is-socjeta` attrici kienet *a gate fee* biss. Sabiex tinhareg d-dikjarazzjoni, il-produttur irid ikun lahaq ftehim maghha dwar r-riciklagg tal-iskart li l-produttur ikun hadilha, u jkun hemm mizata li tkopri dak is-servizz ta` riciklagg ; din tkun mizata li tmur oltre l-hlas tas-semplici depozitu tal-materjal fil-facilita. Fil-kaz tal-lum, irrizulta li s-socjeta` attrici ma ghamlet l-ebda ftehim maghha sabiex l-iskart konsenjat jigi riciklat minnha.

Dan kollhu gie kkonfermat mid-diversi xhieda u in partikolari dik ta` Kevin Mercieca, Dr. Christopher Ciantar u Henriette Putzulu Caruna.

## IV. Konsiderazzjonijiet

Is-socjeta` attrici tirreferi ghall-**A.L. 277 tal-2006** li huma r-Regolamenti ta` l-2006 dwar l-Ippakkjar u l-Iskart ta` l-Ippakkjar fil-Maniggjar ta` l-Iskart.

**In partikolari** tirreferi ghal **Reg 13** li jaqra hekk :-

*(1) Il-produtturi jew terzi li jagixxu ghan-nom taghhom ghandhom, f`dak li jirrigwarda l-iskart ta` l-ippakkjar li jirrizulta mill-attivitajiet taghhom, juzaw sistemi ezistenti jew jistabilixxu sistemi, individwalment jew kollettivament, jew it-tnejn li huma, skond kwalunkwe ligijiet u regolamenti ezistenti, biex jipprovdu :*

*(a) ghar-ritorn u, jew gbir ta` l-ippakkjar uzat u, jew skart ta` l-ippakkjar minghand il-konsumatur, jew haddiehor li juzah b`mod finali, jew*

*min-nixxiegha ta` l-iskart sabiex jitqieghed fl- alternattivi ta` l-immaniggar ta` l-iskart xierqa ;*

*(b) ghall-uzu mill-gdid jew irkupru inkluz riçiklagg ta` l- ippakkjar u, jew skart ta` l-ippakkjar migbur ;*

*(c) ghall-uzu ta` materjali migjuba mill-iskart ta` l-ippakkjar riçiklat ghall-manifattura ta` l-ippakkjar jew prodotti ohra ;*

*(2) Sabiex jintlahqu l-miri, u jigu osservati d-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) ta` dawn ir-regolamenti, l-Awtorità Kompetenti tista`, fir-rigward ta` l-iskart ta` l-ippakkjar li jirrizulta mill-attivitajiet taghhom, tirrikjedi lill-operaturi ekonomici sabiex :*

*(a) jipprovdu façilitajiet adegwati fl-istabbilimenti taghhom jew f`siti jew stabbilimenti ohra hekk desinjati, fejn l-iskart ta` l- ippakkjar ikun jista` jigi depozitat b`xejn mill-konsumatur, u fejn l-istess skart ikun jista` jintlaqa`, jigi mifrud u mahzun ;*

*(b) iqieghdu tabella fuq dawn is-siti jew stabbilimenti biex jindikaw illi l-iskart ta` l-ippakkjar tat-tip imqieghed minnhom fis-suq, jista` jigi depozitat hemmhekk b`xejn ;*

*(c) jilqghu minghand kull persuna skart ta` l-ippakkjar tat- tip ta` ippakkjar jew prodott ippakkjat imqieghed minnhom fis- suq ;*

*(d) jaghmlu dawk l-arrangamenti mehtiega ghall-gbir ta` l- iskart ta` l-ippakkjar li jirrizulta minn ippakkjar jew prodotti ippakkjati li huma jkunu jissupplixxu ;*

*(e) jiehdu dawk il-mizuri biex l-iskart ta` l-ippakkjar milqugh, u, jew migbur minnhom :*

*(i) jittiehed lura minn min ikun issuplixxa l-istess ippakkjar, jew*

*(ii) jigi rkuprat mill-produttur jew minn operatur li jkollu liçenza ta` skema ta` l-irkupru ta` l-iskart, jew*

*(iii) ikun disponibbli biex jigi riçiklat jew irkuprat, u dan billi jkun gie mifrud u offrut minghajr hlas lill-operaturi li jkollhom liçenza biex jirkupraw jew jirriçiklaw l-iskart, u mahzun sakemm ikun gie migbur mill-operaturi li jkollhom licenza biex jirkupraw jew jirriçiklaw l-iskart.*

*(3) L-ebda operatur ekonomiku ma ghandu jiddisponi mill- iskart ta` l-ippakkjar qabel ma jkun ghamel l-istess skart disponibbli ghall-irkupru jew ghall-uzu mill-gdid inkluz ghar-riciklagg.*

**<u>Reg 15</u>** jirregola d-dikjarazzjoni tal-produttur.

Fis-subparagrafu 1 jinghad :-

*Minghajr pregudizzju ghall-provvedimenti tar-regolament 13 ta` dawn ir-regolamenti, produtturi jew terzi li jagixxu ghan-nom taghhom, ghandhom jipprovdu lill-Awtorità Kompetenti b`dikjarazzjoni dwar l-ippakkjar fuq bazi ta` kull kwart ta` sena u annwali, liema dikjarazzjoni ghandha tinkludi l-informazzjoni li gejja …*

Fis-subparagrafi ta` wara tal-istess regolament hemm id-dettalji kollha li hemm bzonn li jkun inkluzi fid-dikjarazzjoni.

Fil-kawza tal-lum, is-socjeta` attrici qeghda titlob lill-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Wasteserv Malta Limited sabiex **<u>tohrog u tikkonsenja favur taghha d-dikjarazzjoni</u>** prevista bir-Reg 15.

Is-socjeta` attrici **<u>qeghda tattakka wkoll l-agir</u>** ta` Wasteserv Malta Limited illi ma hargitx din id-dikjarazzjoni.

Abbazi tal-A.L. 277 tal-2006, jirrizulta li l-Awtorita` Kompetenti hija "*l-Awtorità ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u tali entità jew persuna kif il-Ministru jista` b`ordni fil-Gazzetta jordna, u jistghu jigu hekk mahtura entitajiet jew persuni differenti bhala awtorità kompetenti ghal disposizzjonijiet differenti u ghal skopijiet differenti ta` dawn ir- regolamenti*"

Bl-ewwel erba` (4) eccezzjonijiet, l-Awtorita` konvenuta laqghet ghall-azzjoni attrici billi eccepiet illi l-istanza attrici ma hija xejn hlief azzjoni dwar eghmil amministrattiv u skond l-Art 469A tal-Kap 12 l-azzjoni hija legalment insostenibbli.

**Din il-Qorti hija tal-fehma illi kuntrarjament ghall-posizzjoni li hadet is-socjeta` attrici, l-azzjoni taghha tal-lum hija <u>fis-sostanza</u> taghha azzjoni ghall-istharrig ta` eghmil amministrattiv.**

**<u>L-Art 469A tal-Kap 12</u>** jaqra hekk :-

*(1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal- ġustizzja ta` kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta` xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss :*

*(a) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni ;*

*(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin :*

*(i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu ; jew*

*(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal- egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta` qabel dwar dak l-egħmil ; jew*

*(iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti ;*

*(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.*

*(2) F`dan l-artikolu -*

*'egħmil amministrattiv' tfisser il-ħruġ ta` kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta` xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl- għan ta` organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità ...*

*(3) Kawża biex twaqqa` egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta` jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b`dak l-egħmil amministrattiv.*

Fil-kaz tal-lum, is-socjeta` attrici qeghda tikkontendi li t-talba taghha sabiex tinghata d-dikjarazzjoni ai termini tar-regolamenti fuq citati qeghda tigi rifjutata u li ma hemmx ragunijiet li jsostnu dak ir-rifjut. Ghalhekk dak li fis-sostanza s-socjeta` attrici qeghda tikkontesta hija l-eghmil amministrattiva li bih kien rifjutat il-hrug tad-dikjarazzjoni.

Fis-sentenza ta` l-Qorti tal-Appell tad-9 ta` Marzu 2007 fil-kawza "**Lawrence Borg noe vs Gvernatur tal-Bank Centrali ta` Malta**" inghad hekk :-

*Illi llum huwa accettat li l-azzjoni ghal stharrig gudizzjarju msemmija fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal- Ligijiet ta` Malta hija mahsuba biex taghti rimedju lill- individwu dwar l-imgieba tal-awtorita` pubblika fil-konfront tieghu. Is-setgha li tinghata mill-imsemmi artikolu lil Qorti fil-kompetenza taghha civili dwar ghemil amministrattiv hija jew (a) dik li tistharreg is-siwi ta` dak l-ghemil jew (b) li tiddikjarah ma jiswiex jew minghajr ebda effett. Dan tista` taghmlu meta l-ghemil jikser il-Kostituzzjoni jew meta jkun sar lil hinn mis-setgha ta` min wettqu (ultra vires). F`din l- ahhar ipotezi, dan l-eccess ta` setgha jista` jirrizulta meta l-att isir minn awtorita` pubblika li ma tkunx awtorizzata twettqu, jew meta dik l-awtorita`, ghalkemm ikollha setgha twettaq dak l-ghemil, tkun naqset li thares il-principji ta` gustizzja naturali jew htiega procedurali li tabilfors trid thares qabel ma tasal ghal dak l-ghemil, jew jekk l-ghemil jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta` dik l-awtorita` billi jsir ghal xi ghan mhux xieraq jew fuq konsiderazzjoni irrilevanti, jew meta dak l-ghemil imur b`kull mod iehor li jkun kontra l-ligi. Bil-kelma "ghemil", il-ligi tifhem ukoll cahda jew rifjut ta` talba li ssir minn persuna lil xi awtorita` pubblika ;*

*Illi din l-impostazzjoni tal-azzjoni tabilfors tnissel il-htiega li l-Qorti tqis x`tip ta` stharrig ghandha taghmel skond il-ligi dwar l-ghemil tal-Bank imharrek. Tali ezercizzju huwa wiehed li jmiss l-aspetti sostantivi tal- kawza*

*prezenti. Illum il-gurnata, l-azzjoni ta` stharrig gudizzjarju ta` ghemil amministrattiv tinsab imfissra u delinejata espressament fis-sistema procedurali taghna u l-Qorti hija marbuta li timxi mal-parametri li l-ligi tipprovdi ghal din l-ghamla ta` stharrig, sakemm il-ligi nnifisha ma tipprovdix mod. Wahda minn dawn il-limitazzjonijiet hija li l-ilment imressaq jew ir-rimedju mitlub ma jkunx jista` jinkiseb mod iehor amministrattivament quddiem qorti jew tribunal iehor kif provdut mil-ligi. Fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti, ma ntweriex li l-kumpannija attrici kellha rimedju iehor procedurali jew statutorju ghall-ilment taghha jekk mhux quddiem din il-Qorti u b`din l-ghamla ta` azzjoni ;*

*Illi mit-tifsira ta` "awtorita` pubblika" moghtija fl- artikolu 469A(2), johrog car li l-Bank imharrek huwa awtorita` kif hekk imfissra, u dan ukoll ghaliex huwa korp maghqud kostitwit permezz ta` ligi li ghandu funzjoni regolatrici pubblika u amministrattiva. Dawn l-elementi ma gew bl-ebda mod michuda mill-istess Bank u lanqas jidher li tqanqal xi dubju dwar jekk il-Bank huwiex il-kontradittur legittimu tal-azzjoni specjali mibdija kontra tieghu ...*

<u>De Smith & Evans</u> *fil-Judicial Review of Administrative Action (Fourth Edition – pag. 278-9) ighidu hekk –*

*"A person aggrieved by the exercise of a discretionary power may, instead of attacking the merits of the exercise of the discretion, contend that the repository of the discretion has acted without jurisdiction or `ultra vires` because of the non-existence of a state of affairs upon which the validity of the exercise of the discretion depends. Or he may contend that the repository of the discretion has failed to observe the rules of natural justice (if they are found to be applicable) or other essential procedural requirements. If his contentions are successful, the court will hold the discretionary act to be invalid, and the fact that the true reason for instituting proceedings will have been his dislike of the manner in which the discretion itself was exercised is not a valid objection to the proceedings . . . The crucial question, however, is : In what circumstances and to what extent will the courts review the merits of the exercise of a statutory discretion which is neither made subject to appeal nor limited by the express provisions of a statute? The courts have repeatedly affirmed their incapacity to substitute their own discretion for that of an authority in which the discretion has been confided.*

**Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi ghandha kompetenza sabiex tistharreg l-eghmil amministrattiv li dwaru s-socjeta` attrici qed tilmenta.**

**Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta qeghda tkun <u>michuda</u>.**

Fit-tieni eccezzjoni, l-Awtorita` qeghda teccepixxi li l-azzjoni attrici hija perenta a tenur tal-Art 469A.

Azzjoni skond l-Art 469A tkun perenta jekk l-azzjoni ma tkunx promossa fi zmien sitt mhux minn meta l-persuna saret taf jew setghet ssir taf bl-eghmil amministrattiv.

Mix-xiehda bl-affidavit ta` Carmel Micallef, u fuq l-iskorta tad-dokumenti li pprezenta, jirrizulta saru diversi laqghat bejn il-partijiet li skambjaw ukoll korrispondenza. Fid-Dok 19 li huwa ittra datata 4 ta` Awissu 2008, jinghad illi s-socjeta` attrici ma kenitx qeghda tottempera ruhha mal-obbligi taghha. Mill-istess affidavit, jidher li s-socjeta` attrici saret taf illi kellha bzonn ic-certifikat fil-bidu tal-2008. Is-socjeta` attrici pprezentat il-protest gudizzjarju fil-15 ta` Gunju 2009 ; hemm interpellat lill-intimati sabiex jinhareg dan ic-certifikat. Il-kawza kienet prezentata fit-30 ta` Lulju 2010, jigifieri aktar minn sena wara l-presentata tal-protest gudizzjarju.

**Il-Qorti tirriafferma li t-terminu ta` sitt xhur huwa perentorju u kwindi mhuwiex soggett ghal interruzzjoni jew sospensjoni. Anke jekk il-Qorti taccetta li t-terminu tas-sitt xhur beda jiskatta mid-data tal-presentata tal-protest gudizzjarju (15 ta` Gunju 2009), fejn is-socjeta`**

**attrici ghamlet il-posizzjoni taghha cara u inekwivoka, ma hemmx l-icken dubju li l-azzjoni hija perenta ghaliex ir-rikors guramentat kien prezentat ben oltre s-sitt xhur (30 ta` Lulju 2010).**

**Il-Qorti qeghda tilqa` t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta u tiddikjara perenta l-azzjoni attrici kif dedotta kontra taghha a tenur tal-Art 469A(3) tal-Kap 12.**

**In vista ta` din id-decizjoni, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-Awtorita` konvenuta.**

L-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra huma fil-mertu.

Is-socjeta` attrici tilmenta li ghalkemm ottemperat ruhha mal-obbligi kollha taghha, gie rifjutat il-hrug f`isimha ta` certifikat ta` riciklagg.

Abbazi tal-atti akkwiziti jirrizulta li l-obbligi tas-socjeta` attrici bhala produttur *self compliant* kienu primarjament illi tirricikla l-iskart ta` ippakkeggjar. Sabiex taghmel dan kellha jew tinghaqad ma` skema awtorizzata u accettata ; jew taghmel dawk l-arrangamenti necessarji sabiex il-materjal jigi esportat sabiex jigi riciklat ; jew tuza facilita` bhall-impjant ta` Sant` Antnin wara li taghmel ftehim ma` din il-facilita` illi l-materjal li tiddepozita hemm jigi riciklat mill-facilita jew billi tirricklah hi stess jew billi tesportah barra mill-pajjiz ghar-riciklagg.

**Dawn huma l-obbligi tas-socjeta` attrici. Kjarament mill-atti ma jirrizultax li ottemperat ruhha. Ghalkemm fl-affidavit tieghu, Carmel Micallef jasal biex ighid li l-obbligi li kienu tas-socjeta` attrici ma kienux cari mill-bidu u ma gewx spjegati sew, il--provi dokumentarji jixhdu xort`ohra.**

B`referenza ghal ittra tat-28 ta` Settembru 2007 (Dok 3) li baghtet il-MEPA lis-socjeta` attrici, jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet giet infurmata li kellha tirricikla l-materjal u li dan setghet taghmlu jew individwalment jew billi tinghaqad ma` skema awtorizzata –

*"Kindly also note that in line with LN 277 of 2006, since you are as a person/company who is placing packaging on the Maltese market, you are obliged to recover/recycle packaging waste. You may do this either individually or otherwise by joining an authorised packacking recovery scheme."*

L-istess jirrizulta minn ittra tal-4 ta` Awissu 2008 (Dok 19) fejn jinghad :–

*"Producers of packaging who put the packaging material on the market are to :*

- *Register as packaging producers with MEPA by the 28th June 2007, and declare the amount of packaging that has been put on the market during 2006;*
- *Set up their own system to collect and recycle the packaging waste that they generate, or join an authorised recovery scheme that would collect and recycle their packaging material"*

Mill-provi jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` attrici rregistrat ruhha bhala produttur, dak kien l-uniku wiehed mill-obbligi li ghandha li osservat.

Irrizulta wkoll mill-provi illi kull ma kienet taghmel huwa illi tmur tiddepozita l-materjal tal-iskart fil-facilita ta` Sant`Antnin. Ir-ricevuti li pprezentat is-socjeta` attrici huma proprju l-"*gate fees*" li s-socjeta` attrici kienet thallas ghad-depozitu.

Jirrizulta li s-socjeta` attrici waqqfet hemm u ma ghamlet xejn aktar.

Is-sottomissjonijiet taghha illi dawk ir-ricevuti huma fil-fatt ricevuti ta` ricikagg ma jreggux ghaliex mid-dettalji stess tar-ricevuti wiehed jista` jara li hemm l-isem tal-vettura li ddepozitat l-materjal u l-hin meta dan gie ddepozitat.

Mill-banda l-ohra hija l-istess socjeta` attrici illi fir-rikors guramentat taghha taccetta illi kull ma kienet taghmel kienet li tmur u thalli l-iskart fil-facilita, u li tinghata ricevuta ghal iskjart ritornat – ara paragrafu 5. Dan huwa wkoll kkonfermat minn numru ta` xhieda li kollha jsostnu illi kull ma kienet taghmel s-socjeta` attrici huwa illi tmur u tiddepozita l-materjal tal-iskart fil-facilita u tieqaf hemm.

**Din il-Qorti m`ghandhiex l-icken dubju f`mohha illi s-socjeta` attrici ma onoratx l-obbligi kollha li huma elenkati fir-regolamenti citati. Ghalhekk is-socjeta` attrici ma nghatatx id-dikjarazzjoni li talbet.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta ;**

**Tilqa` t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta ;**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-Awtorita` konvenuta ;**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti l-ohra ;**

**Tichad it-talbiet kollha tas-socjeta` attrici ;**

**Tordna lis-socjeta` attrici sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------